# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 3 ta' April tas-sena 2001.**

**Numru 12**

**Avviz numru 1030/00/SM**

**Nathalie Meilak Brunetti**

**vs**

**Moira Dietzsch**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat 14 ta' Awissu tas-sena 2000 fejn l-attrici sejjhet lill-konvenuta quddiem din il-qorti sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilha prefiss tnehhi minn fuq il-bejt ta' l-attrici:**

**a. il-kumpressur tal-airconditioner u kwalsiasi komunikazzjoni tieghu;**

**b. il-wire ossia cable li hemm ghaddej fuq l-istess bejt;**

**c. il-hanen tat-tank tal-ilma li hemm imwahhlin man-naha tal-attrici tal-opramorta bejn iz-zewgt ibjut; previa occorendo d-dikjarazzjoni li**

**dawn l-oggetti taghha qeghdin fil-proprejta' tal-attrici abbusivament u minghajr ebda dritt fil-ligi; u fin-nuqqas ghaliex l-attrici m'ghandiex tigi awtorizzata tnehhi l-istess oggetti a spejjez tieghek, occorrendo that is-supervizjoni ta' perit tekniku nominat ghal dan l-iskop;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datata 14 ta' April kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni. Ghall-fini tal-kompetenza jigi dikjarat li l-valur biex jitnehhew l-oggetti in kwistjoni ma jeccedix il-mitt lira Maltin (LM100);**

**Rat in-nota attrici datata 27 ta' Marzu tas-sena 2001 li permezz taghha cediet it-talbiet (a) u (c) fl-avviz pero' zammet ferm dwar it-talba (b) kif ukoll dwar il-kap tal-ispejjez tal-kawza;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tal-attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma deheritx, la fis-27 ta' Marzu tas-sena 2001 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici mmarkat bhala (b) fl-avviz, senjatament sabiex tnehhi minn fuq il-bejt ta' l-attrici il-wire ossia cable li hemm ghaddej fuq l-istess bejt u dan fi zmien seba' (7) tijiem millum, bl-ispejjez kontra l-konvenuta.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**